MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 1548/2003

**Joseph Galea**

**Vs**

**Ronald Casha**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Awissu 2003 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas 1-ammont ta' Lm220 (mitejn u ghoxrin lira Maltin) bhala rifuzzjoni ta' depozitu fuq kamra tas-sodda.

Fl-avviz tat-talba intqal li:-
Premess illi fit-13 ta' Jannar 1999 l-attur u l-konvenut dahhlu fi ftehim bejniethom skond l-iskrittura hawn annessa Dok. A fejn ftehmu li l-konvenut kellu jissuplixxi lill-attur kamra tas-sodda ghal prezz ta' sitt mija u ghoxrin Lira (Lm620);

Premess illi l-attur u l-konvenut ftehmu li l-istess kamra tas-sodda ghandha tkun lesta sas-16 ta' Lulju 1999

permezz ta’ skrittura tad-9 ta’ Lulju 1999 hawn annessa bhala Dok. B;

Premess illi skond l-istess skrittura tad-9 ta’ Lulju 1999 hawn annessa bhala Dok. B il-konvenut accetta li fil-kaz ta’ dewmien jehel multa ta’ hamsa u ghoxrin Lira (Lm25) fil-gimgha;

Premess illi l-attur hallas mitejn u ghoxrin Lira (Lm220) bhala depozitu fuq l-imsemmija kamra tas-sodda kif jidher fl-ircevuti immarkati Dok. C u Dok. D hawn annessi;

Premess illi fil-kors tal-kawza quddiem il-Magistrat Micallef Trigona il-konvenut ammetta li kellu jlesti l-imsemmija kamra tas-sodda u din kienet kwazi lesta;

Premess illi l-konvenut naqas milli jlesti l-imsemmija kamra tas-sodda u naqas milli jikkunsinja l-imsemmija kamra tas-sodda.

Jghid ghalfejn dan it-Tribunal m’ghandhux;
1. Jiddikjara li l-konvenut qatt ma lesta ix-xoghol in kwistjoni u qatt ma ghamel kunsinja ta’ ebda xoghol li gie patwit bejn il-partijiet;
2. Jikkundanna l-konvenut ihallas mitejn u ghoxrin Lira (Lm220) liema flus kien ircieva bhala depozitu fuq l-imsemmija kamra tas-sodda.

B’riserva ta’ kull azzjoni ohra spettanti lill-attur kontra l-konvenut dwar il-penali pattwiti.

Ra r-risposta fejn inghad li:-
Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif se jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Peress illi jirrizulta li t-talba attrici timmerita li tigi milqugha.

Jiddeciedi billi jilqa` it-talbiet attrici, jichad l-eccezzjoni tal-konvenut u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta’

mitejn u ghoxrin lira (Lm220) ammont imhallas mill-attur bhala depozitu fuq valur ghal kamra tas-sodda..

Bl-ispejjez u interessi kif mitlub kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------